# IZ-ZIJU TONIN JAGĦMEL BIĊĊA XOGĦOL

Xorob nofs l-imbit li kellu fit-tazza, fetaħ dirgħajh u ssokta: " Tieqlu, tixorbu u torqdu. Dak biss tafu tagħmlu. M'għandkom ħila tagħmlu xejn. Iva jien biss? Ma tarawx li jinħtieġ li wieħed iħabbel moħħu f'did-dinja? Iva ħabblu dik il-qargħa ta' ras li għandkom. Mhux billi ddumu siegħa quddiem il-mera u tagħmlu xagħarkom sabiħ bil-brillantina u bix-xiflixo! Biex torqdu biss tajbin?" In-nuċċali kien sa' jaqagħlu minn fuq imnieħru tellgħu koċċ il-fuq u raġa' qabad: "M'għandkom ħila tagħmlu xejn! Xejn. Tafu xinhu xejn? Kulu, Kulu, ara kemm jomgħod tajjeb Ġerardu; tibżgħux il ħobż dejjem ġej.

Imma jien irrid inkun, jien! jien biss! Alla ħares li ma kontx jien għax kontu tmorru titolbu. Issa int, hawn, lilek qigħed ingħid, int il kbira, x'int tistenna? Għax ma tiżżewwiġx? Għandek erbgħin sena. Jew fi ħsiebek tibqa xebba bħal zitek Ċetta, biex imbagħad toqgħod issallab il-ħutek u tittallab minn għandhom. X'taħsbu? tistennew li taqa' l-bajtra f'ħalqkom? Hee.... ma' taħsbux li nieżla l-manna hux? Tibzgħaux għad immut jien.... għad immut jien, imbagħad taraw x'isir minkom! il-bniet sefturi u l-oħrajn jiġbru ż-żibel. Taraw kif għad tgħidu, sewwa kien igħid dak.....dak il-ħmar ta' ziju Tonin. Għidu ħmar ukoll. Għidu ħmar. Iżda jien m'iniex ħmar! U xorob l-imbit li kien baqagħlu fit-tazza."

Iz-ziju Tonin kellu ħabta joqgħod fuq il-mejda xi nofs siegħa jew aktar qabel l-oħrajn. F'dak iż-żmien kien jilħaq jimla żaqqu u jixrob xi nofs flixkun imbit. Meta imbagħad jaqbdu jieklu l-oħrajn, minn xi kelma, jew minn xi ħoss ta' sikkina mal-platti, jew jekk xi ħadd iġenneb xi biċċa qoxra tal-ħobż, jew jaqleb xi tazza, f'kelma waħda, ma kienx igħaddi jum minn għaxra li ma kienx isib xi ħaġa fuqhiex jaqbad, erħilu jibda priedka, u biha jibqa sejjer, igħid, igħid, igħid, mingħajr ma jieqaf xejn, ħlief biex jixrob l-imbit, mingħajr ma tonqoslu l-inqas kelma, sakemm l-oħrajn idumu jieklu u sa nofs siegħa wara, u gie li tkun siegħa wkoll. U l-oħrajn erħilhom jieklu bil-banda, kif kienu jgħidu huma.

Kif iz-ziju Tonin neħħa t-tazza minn ma' ħalqu, ħares ħarsa mal-mejda u ra li kullħadd kien spiċċa. Ma nafx kif lemaħ f'rokna tal-kamra il-kartell tal-imbit ta' Sqallija: qal, "Hee...." u ta daqqa b'idejh fuq irkubtejh.

—Verġ, qal, huwa lil oħtu, l-armla tal-ħabib tiegħu Ġużeppi, aħna kemm konna mlejna l-aħħar darba?

—Mhux għaxar fliexken? hekk minn għalija.

—Għaxra, u ħamsa-u-għoxrin il-ġimgħa l-oħra; mela baqa' għaxra oħra, hux hekk? Tridx nagħmlu biċċa xogħol? Ara Mary, ibda biex iġġib xi għaxar fliexken tal-litru, minn dawk tal-Vermouth. Ara li jkunu ndaf.

Mary qamet minn postha u qabdet dieħla fil-kċina, iżda fil-ħin raġa', qabeż iz-Ziju Tonin: "Iva stenna, sbarazzaw il-mejda qabel xejn. Fejn trid tqiegħed il-fliexken? Da żgur, għax jekk ma ġġibilkomx erba' platti kull wieħed, ma tkunx ommkom". F'żewġ minuti Mary u Alice sbarazzaw il-mejda u daħlu ġewwa biex jaħslu l-fliexken.

—Pawl, mur sa fuq u ġib is-siġġu l-għoli.

Pawlu tala' jiġri fuq.

—Ġerardu, sib tużżana tappijiet tajbin mix-xafunier.

—Ħudu hemmekk, ara, baqa' sejjer iz-ziju kif Pawlu deher bis-siġġu l-għoli f'idejh il-tnejn, fil-waqt li wrih ir-rokna tal-mejda l-aktar qrib il-kartell. Iżda biex jieħdu hemmekk, Pawlu kellu jgħaddi bis siġġu b'kollox minn bejn iz-ziju Tonin u x-xafunier. Is-sieq tas-siġġu ħabtitlu max-xafunier u l-kikkri kollha bdew iċekċku mal-plattini.

—U ara hemm! ara hemm! l-anqas ix-xafunier ma tara! Mela sewwa ngħidlek jien, li int għama, uh? Santa, santa....

Ġerardu gieb it-tappijiet fuq il-mejda u l-fliexken bdew ġejjin ukoll. Allura z-ziju Tonin qam u resaq lejn il-kartell tal-imbit biex jerfgħu fuq il-mejda. Kif tbaxxa, in-nuċċali niżillu fuq il-ponta ta' mnieħru. Qalgħu minn fuq widnejh u qegħdu fuq is siġġu li kellu ħdejh. Raġa' tbaxxa, qabad il-kartell b'idejh it-tnejn, u did-darba tellgħu fuq il-mejda. Qalgħalu t-tapp, qiegħed flixkun fuq is-siġġu l-għoli, imbagħad "Iva fejn hu l-lastku? Uh!"

Meta ġebuhulu, waħħal il-lastku mal-kartell u ħalqu mal-lastku, ġibed ġibda sewwa, u malli ħass l-imbit ġej, beda biex iqabbad il-lastku mal-flixkun. Iżda mingħajr nuċċali ma kienx jara ljunfant ħames pulzieri bogħod minn imnieħru iz-ziju Tonin, u l-imbit beda nieżel fl-art. Kif ra l-imbit jixxerred tilef sessieh.

Ħadd ma ssogra jindaħal. L-imbit beda jtirlu ma' subajh u mal-qmis, beda jixxerred fuq is-siġġu u fl-art. Il-flixkun ma setax isibu. Infixel għal kollox. Rafa' l-lastku l-fuq, u fil-fixla mbotta l-kartell b'idu. Dan inqaleb it-toqba ġiet minn taħt, u l-imbit beda ħiereġ minnha għal fuq il-mejda.

—Zi, għajtu f'daqqa waħda Mary, Pawlu, Alice u Ġerardu, ara l-imbit ħiereġ!

—Da żgur li ħiereġ, weġibhom hu, fil-ħin li jirranġa l-kartell, ara ma jiġix xi ħadd minnkom igħinni taf!

—Iva tqanqlu koċċ, issokta jgħajjat, qiskom qabda mitruħin, agħmlu xi ħaġa.

Kollha tqanqlu, iżda ħadd minnhom ma kien jaf x'se'r jibda jagħmel.

—Fejn hu n-nuċċali, fl-aħħar staqsa z-ziju Tonin. Kullħadd qabad ifittex.

—Itilgħu araw hux fuq. Ġerardu tala' jiġri.

Fuq il-mejda ma kienx, u fuq ix-xafunier anqas. Mary marret tara jekk għalli jista' jkun kinux ġarrewh mat-tvalja b'kollox, u Pawlu mar jara jsibux fl-intrata fuq il-posambrella.

Ġerardu niżel. Fuq m'huwiex.—Hawn m'huwiex, qalet Verġinja. Hawn m'huwiex, qalu Mary u Alice warajha. Pawlu wasal u qallhom: Isfel m'huwiex.

—Iva n-nuċċali m'għandux ġwienaħ, għajjat iz-ziju Tonin. l-anqas 'nuċċali m'għandkom il-ħila ssibu? Puh! Minn kollox għandkom? Torox, muti... Iva għomjin ukoll? Ara, arġa' itla sa fuq, qal lil Ġerardu, u ġibli n-nuċċali tad-deheb mill-ġlekk il-gris.

Ġerardu raġa tala' fuq, u z-ziju Tonin, immasħan u kollu garr f'qalbu fuq in-nies ġdur, torox u għomjin li Alla laqqagħ miegħu, intafa' bilqegħda fuq is-siġġu.

Kif poġġa bilqegħda, berraq għajnejh u fetaħ ħalqu, qam jiġri, u minn taħtu ħareġ in-nuċċali mfarrak u mgħawweġ.

—Jien biss nara! Ara kif sibtu jien in-nuċċali.

Iżda ma satax iwaħħlu fuq imnieħru u telqu fuq il-mejda. Ġerardu wasal bin-nuċċali tad-deheb u z-ziju Tonin libsu. Waħħal il-lastku mal-bettija, u ħalqu mal-lastku, ġibed ġibda sewwa, u did-darba qabbad il-lastku mal-flixkun, mingħajr l-ebda ħsara.

U l-imbit beda għaddej. Wieħed, tnejn, tlieta.... fl-aħħar spiċċa.

—Eħ.... ħe, biċċa xogħol lesta. Seba' fliexken u nofs mimlija, u tnejn u nofs fuq il-mejda u fl-art.

J. Diacono.